HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 06 IT-TNEJN 14 TA' SETTEMBRU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, , Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li kien se jirrappreżenta lill-Kunsill f'laqgħa ta' konsulatazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi dwar il-baġit. Is-S.E. informa li l-Kunsillier Robert Reno Cremona infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li kien se jkun imsiefer.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk l-Viċi-Sindku Jesmonda Aquilina u l-Kunsillier Robert Reno Cremona ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**06/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 05**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 04 li nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota

kontra u  ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 05 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**06/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**06/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li il-programm ta' tindif ta' culverts tlesta fiż-żmien qabel tibda x-xitwa.

**06/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll, li l-Kunsill se jorganizza ħarġa soċjali Pasta Night f'lukanda lokali, nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2015.

**06/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li ġie nnutat żball fil-BOQ fid-dokument tal-offerta ghar-restawr tal-Kappella ta' San Franġisk wara li kienet għalqet id-data tar-rikjesti għall-kjarifiki, iżda qabel id-data tal-għeluq u peress li ma kienu għadhom ma ntefgħux offerti, il-Kunsill estenda id-data tal-għeluq sat-2 ta' Ottubru 2015.

**06/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li peress li qed tiġi mitluba biex tmexxi iċ-ċerimonja ta' żwiwġ ċivili, issuġġeriet biex il-Kunsill jagħti rikonoxximent ta' mhux aktar minn Eur35 lill-koppji li jiġu miżżewġa mis-Sindku. Il-Kunsill qabel nem.con izda dan sakemm li n-numru ta' żwiġijiet jibqa' kontenut u f'każ li jkun hemm żieda f'dawn iż-żwiġijiet (aktar minn ħamsa f'sena) għandha terġa titressaq quddiem il-Kunsill mill-ġdid.

**06/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** gibdet l-attenzjoni li l-kampanja edukattiva dwar skart riċikabbli tlestiet u għaldaqstant wieħed jittama li din il-kampanja tħalli riżultat pożittiv fejn għandu jiżdied it-tunnellaġġ ta' skart riċikabbli miġbur mill-lokalita'.

**06/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li kif ħabbret Transport Malta, fil-lokalita' ta' Ħal Qormi se tiġi introdotta ir-rotta nru 64 filwaqt li se jiżdiedu l-frekwenzi tar-rotta nru 63 u . Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li għalkemm ma ġewx milqugħa t-talbiet kollha li kien għamel il-Kunsill, dan it-titjib fir-rotot se jkun ta' benefiċċju għar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lir-residenti bir-rotta l-ġdida indikat fuq mappa.

**06/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda biex it-triq ġdida fi Triq Lapsi, quddiem il-bini tal-gvern Tal-Blat tissemma Triq Lino Spiteri filwaqt li t-triq ta' wara tissema' Triq Ċikku Fenech. Dan peress li ma ġiex reġistrat fil-minuti. Il-Kunsill approva.

**05/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2015
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2015
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**06/04** **MOZZJONIJIET**

**06/04/01** **MOZZJONI – 18-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Kunsillier Renald Falzon iressaq il-mozzjoni nru 18-2015:

*Nipproponi illi nitolbu lil Transport Malta sabiex issir pedestrian crossing ~~l-Pelican Lights li jinstabu fi Triq il-Helsien, hekk kif toħroġ minn Triq ir-Rebbiegħa jersqu l-isfel fl-istess triq, aktar~~ viċin Triq is-Sajf viċin il-Bus Stop li hemm fejn l-istatwa ta' San Ġorġ, ~~wara li sir konsultazzjoni mar-residenti~~.*

*Hemm diversi raġunijiet għal din il-proposta. Raġuni minnhom tkun biex ir-residenti jkollhom aċċess aktar faċli għal bus stop li hemm fuq iċ-central island bl-istatwa ta' San Ġorġ, fejn illum ma hemm l-ebda aċċess u qedgħa tkun ta' periklu għal dawk li qedgħin jaqsmu biex jużaw il-bus stop.*

*Raġuni oħra għal din il-mozzjoni hija biex ir-residenti ta' Triq is-Sajf u dawk l-inħawi jkunu jistgħu jaqsmu Triq il-Ħelsien mingħajr xkiel biex*

*jgħaddu minn Triq il-Plejju, speċjalment fil-ġranet xitwien, speċjalment dawk il-persuni li jkunu qedgħin jikkumpanjaw lit-tfal għall-iskola.*

~~*Din il-mozzjoni qedgħa ssir ukoll fid-dawl li ftit il-fuq fi viċinanzi tal-banka tal-lottu, fl-istess triq, Triq il-Ħelsien hemm Pelican Lights oħra u għal daqstant din il-proposta m'għandiex toħloq inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fl-viċinanzi ta' Triq ir-Rebbiegħa u Triq id-Deheb Fin u l-madwar.*~~

**Wara diskussjoni il-mozzjoni ġiet emendata mill-Kunsilier Renald Falzon.**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur** disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 18-2015(VII)** u għaldaqstant għandu jressaq talba ghall-pedestrian crossing lil Transport Malta.

**06/04/02 MOZZJONI – 19-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lil Kunsillier Renald Falzon iressaq il-mozzjoni nru 19-2015(VII):

*Wara li nuttajt li għal diversi snin ir-residenti ta l-inħawi ta' Mdina road u Ta' Pascarella, ilhom jilmentaw fuq din iz-zebra cross biex titressaq l-isfel fl-istess triq, minħabba li qiegħda tkun ta periklu fil-posizzjoni presenti għal persuni li jagħmlu użu minnha minħabba nuqqas ta viżibilta, minħabba li qiegħda moħbija kemm bis-siġar, kif ukoll min-natura ta' triq u għal daqstant t-traffiku li ġej min-naħa ta Ħaż-Żebbuġ, speċjalment li jkun nieżel b'ċertu veloċita ma jindunax li hemm iż-żebra cross b'konsegwenza li ma jieqfux.*

*Qiegħed nressaq din il-mozzjoni biex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jagħmel dak kollu li huwa possibli fir-responsabilta tiegħu billi jitlob lil awtoritajiet biex din iz-zebra cross titressaq l-isfel u jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti u nżiedu s-sigurta fit-toroq tagħna.*

~~*U għal daqstant nitlob lil Kunsill biex jassigura li din iż-żebra cross u żebra cross oħrajn ikollhom is-sinjali, d-dwal u kull ma hu meħtieġ bil-liġi biex nassiguraw li sigurta ta dawk kollha li jużawhom ikunu salvagwardjati.*~~

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat il-mozzjoni kif emendata mill-Kunsillier Renald Falzon.

Fid-diskussjoni **il-Kunsillier Ralph Puli** sostna li huwa qed jivvota favur b'riserva li qabel ma tiġi implimentata, il-Kunsill għandu jkun infurmat dwar eżatt xi jkun se jsir.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 19-2015 (VII) billi jressaq it-talba lill-Transport Malta peress li Triq l-Imdina hija triq arterjali.

**06/04/03 MOZZJONI – 20-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia biex iressaq il-mozzjoni nru 20-2015 (VII):

*Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess illi jħares l-ambjent naturali tal-Belt Pinto.*

*Il-Kunsill Lokali huwa kommess ukoll illi jassigura ambjent naturali aħjar għar-residenti kollha.*

*Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi irid kwalità ta' ħajja aħjar b'mod speċjali għat-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani tagħna,*

*U billi l-Kunsill Lokali f'Ħal Qormi kommess li jaħdem sabiex il-familji Qriema ntuhom l-ispazji meħtieġa fejn jagħmlu eżerċizzju u anke jqattgħu ħin rikreattiv flimkien,*

*Nipproponi illi kif ġieli sar, jerġa' jitnaddaf Wied iċ-Ċawsli.*

*U jitħawlu sigar taċ-Ċawsli f'dan il-Wied mill-isbaħ. Ta' min jinnota illi dan il-Wied m'għandux sigar taċ-Ċawsli, minkejja li minn infomazzjoni li ksibt u kif jindika l-isem, sa ftit tas-snin ilu dan kien mimli bis-siġar taċ-Ċawsli.*

*B'dan il-mod qed naċċertaw illi nħallu ambjent naturali aħjar lill-generazzjonijiet futuri.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda

Fid-diskussjoni **is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li t-tindif tal-widien huwa responsabbli minnhom il-Gvern Centrali u l-istess t-tħawwil ta' siġar taċ-Ċawsli.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni Nru 20-2015 (VII).

## 06/05 RAPPORTI

### 06/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAT-TIENI KWART TAS-SENA SA' ĠUNJU 2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jippreżenta r-rapport finanzjarju ghat-tieni kwart tas-sena sal-aħħar ta' Ġunju 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill għandu pożizzjoni ta' Financial Situation Indicator ta' 2%. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-somma stmata għall-resurfacing ta' toroq ġiet eżawrita filwaqt li l-Kunsill għamel dħul ta' Eur29,912 aktar minn dak stmat. Is-Segretajru Eżekuttiv spjega li l-Kunsill għad fadallu x'jieħu mill-flus tal-fondi ewropej ta' M313 u M413.A5 kif ukoll tal-progett ta' Gnien George Hyzler mill-UIF.

Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**DOK 'B'**

### 06/05/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA DWAR KIRI TA' GABBANA TA' VJAL DE LA CRUZ

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern 11 ta' Awwissu 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 11 ta'Settembru 2015 fil-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-11 ta' Settembru 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u l-Kunsillier Renald Falzon.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta waħda biss:

| **Isem** | **€** |
|---|---|
| Charlo Vella | 525 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, u Marvin Zammit ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord innota li l-unika offerti ma kenitx technical compliant peress li fl-offerta kien hemm mnizzel li offerti taħt il-Eur2000 fis-sena ma jigux accettati. Peress li l-offerta hija ferm inqas minn din is-somma stabbilita' fid-dokument tal-offerta, din l-offerta ma tistax tintlaqa'.

Il-Bord jirrakkomanda li ma tintgħażel l-ebda offerta u l-offerta terġa tiġi ppubblikata mill-ġdid.

Il-Kunsill qabel unanimament biex jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord l-offerta għandha terġa tiġi ppubblikata. Intant, il-Kunsill iddeċieda li apparti li l-offerta tiġi ppubblikata fuq it-Times of Malta u l-gazzetta tal-Gvern, għandha wkoll tiġi ppubblikata fuq gazzetti lokali bil-Malti ta' nhar ta' Ħadd.

**DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti.**

**06/05/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONIJIET: SERVIZZI MIN-NURSERIES SPORTIVI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2015 kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa,11 ta' Settembru 2015 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-11 ta' Settembru 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u tal-Kunsillier Renald Falzon.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tliet (4) kwotazzjonijiet;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Qormi FC Youth Nursery | € 1,600 |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Qormi Hockey Club | € 600 |
| | | € 600 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar u mill-Kunsilliera Antoine Saliba u Jerome Caruana Cilia, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-kwotazzjonijiet.

Fl-offerti fuq elenkati il-Bord ikkonferma li l-erbgha offerti huma konformi mal-kundizzjonijiet u rekweziti skont kif elenkati fis-sejħa.

Il-Bord jirrakkomanda biex jigu maghzula iż-żewġ kwotazzjonijiet ipprovduti minn Qormi Youth Nursery FC u Qormi Hockey Club sabiex jaghtu servizz ghal attivita' fis-Sajf minn Qormi Youth Nursery FC u zewg attivitajiet sportivi fis-sena mill-Qormi Hockey Nursery Club. Il-Bord irrakomanda li dawn jinghataw b'kuntratt ghal sena li jista' jigi mgedded biex l-attivitajiet/servizzi jinghataw ghal massimu ta' tlett snin.

**DOK' D'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandhom jiġu ffirmati l-kuntratti.**

**06/06 KORRISPONDENZA**

**06/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-4'**

1. Dwar il-proġett ippropost mill-Kunsill taż-Żgħażagħ tkellmet l-Ambaxxattur taż-Żgħażagħ, Brenda Fenech li hija wkoll is-Sindku tal-Kunsill taż-Żgħażagħ, fejn spjegat il-kontenut tal-proġett li għandu l-għan prinċipali li jippromwovi *healthy lifestyle*.

2. Dwar it-talba mill-Kumpanija Teatrali Anici sabiex l-attivita' li skont il-kuntratt kienet ippjanata ghal Diċembru, Qormi Festa Palk, issir f'Jannar. Il-Kunsill laqa' t-talba.

3. Dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-Arċipriet Dun Anton Cassar, il-Kunsill laqa' t-talba biex bħala obbligu morali jħallas tal-kirja tal-post sabiex seta' jiġi offrut is-servizz ta' social welfare. Il-Kunsill qabel li jħallas Eur100 bħala kumpens tal-kirja għas-servizz li ingħata.

4. Dwar l-applikazzjoni għall-żvilupp ta' *social housing* permezz ta' wieħed u għoxrin appartament u tmienja u għoxrin garaxx fi Triq il-Belt Valletta, PA 3310/15, il-Kunsill xtaq jikteb lill-MEPA li għalkemm fil-prinċipju l-Kunsill huwa favur ta' proġett soċjali, iħoss li għandha tingħata attenzjoni għall-problemi li hemm preżentament fis-sistema tad-drenaġġ, u ta' għargħar, filwaqt li din hija l-unika żona li tagħti ftit nifs lill-akkwata peress li hija kollha mibnija.

5. Dwar żvilupp ta' *change of use* minn *laundry* għal *warehouse* fi Triq tal-Bajjada il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni ġiet differita għal quddiem il-Bord tal-MEPA għall-11 t'Ottubru 2015.

6. Dwar talba għall-permess sabiex Triq San Bastjan tingħalaq mis-6am minħabba l-preparamenti tal-mixgħela f'Lejl f'Casal Fornaro, il-Kunsill jirrakkomanda li t-triq tingħalaq fis-1pm.

7. Dwar memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jaqbilx li jinbidlu l-ħinijiet ta' ġbir ta' skart, il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta. Il-Kunsill iddeċieda li jkun lest li jikkunsidra li jinbidlu l-ħinijiet ta' ġbir ta' skart għal filgħaxija iżda dan wara li ssir kampanja edukattiva mill-gvern ċentrali fuq livell nazzjonali u wara konsultazzjonijiet mal-*istakeholders* effettwati.

8. Dwar kwotazzjoni biex isiru fanali mal-istatwa ta' San Ġuzepp, il-Kunsill ma qabilx li jsiru fanali li iżda għandhom isiru dwal bħalma saru ma' statwi oħrajn fil-lokalita'.

## 06/07 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Rosianne Cutajar qabel aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:50 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.